TAL-ISTILLA
Leħen l-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851
www.bandasanfilep.com.mt www.facebook.com/KBSFAD1851
Nru 34. Ħarifa 2018
Sibuna fuq: www.bandasanfilep.com.mt u www.facebook.com/KBSFAD1851

# Pirotekniċi Maltin b'esperjenza mhux tas-soltu fl-Arabja Saudita

Matul ix-xahar ta' Settembru ħdax-il pirotekniku mill-Kamra tan-Nar ta' San Filep kienu fost kontinġent ta' 48 Malti li ngħaqdu mal-kumpanija Amerikana Grucci għal mawra mhux tas-soltu fis-Saudi Arabja fejn kienu ħadmu biex kisru żewġ rekords dinjija. Din kienet esperjenza mhux tas-soltu, għaliex il-metodi u dimensjoni tal-attività kienu kolossali.




F'dan ir-rekord, il-kumpanija Grucci ppreparat sabiex fl-istess ħin taħraq 900,000 biċċa tan-nar minn 58 pjattaforma fi tlettax-il provinċja tas-Saudi Arabja, f'għeluq it-88 anniversarju tal-jum Nazzjonali tas-Saudi. Ma dawn l-akbar bandiera li kellha taħlita ta' nar flimkien mat-teknoloġija tad-*drones*.

F'attività ta' din id-dimensjoni wieħed jista' jifhem li jkun hemm ħafna xogħol ta' preparamenti minn kull aspett anke għaliex il-grupp ta' pirotekniċi Maltin kien wieħed kbir. Il-ħidma bdiet minn ġimgħat qabel taħt it-tmexxija ta' Nicholas Spiteri li huwa r-rappreżentant tas-sistema diġitali *FireOne* f'Malta.

Ħidma li ppreparat lill-grupp għal dak li kien sejjer jitlaqa' miegħu fl-għaxart ijiem ta' din l-esperjenza unika li rat il-bidu tagħha bejn il-15 u is-16 ta' Settembru meta t-timijiet qabdu l-ajruplan bi vjaġġ twil ta' madwar sitt siegħat lejn il-belt ta' Riyadh. Minn hawn il-Maltin imqassma fi gruppi ta' 4 bdew jippreparaw sabiex imorru fid-diversi bliet u provinċji li fihom kien sejjer jinħaraq in-nar. B'diversi gruppi jerġgħu jaqbdu ajruplan intern sabiex jaslu fid-destinazzjoni finali.

Il-Maltin megħjuna min-nies tal-lokal, kienu fdati sabiex jarmaw, jittestjaw u jaħarqu waħda mill-ħarqiet imqassma madwar il-pajjiż. Fost dawn numru sabiħ ta' Żebbuġin mill-kamra tan-nar tal-Każin Banda San Filep. Kull ħarqa kellha taħlita ta' blallen tas-6", 5" u 4" flimkien ma numru ta' nar iżgħar.


*Mix-Xellug: Glenn Grima, Richard Magri, Christmark Chircop, Andre Vella, Chris Attard, Sean Agius, Andrea Aquilina, Jason Vella, Marsilv Micallef, Pierre Tanti u Charles Magri.*

Kollox beda fit-23 ta' Settembru 2018 mat-tokk tal-għaxra ta' filgħaxija (ħin tas-Saudi) b'Hail, Yanbu, Abha, Najran u diversi provinċji oħra jixgħelu s-smewwiet b'ilwien diversi għal madwar 15-il minuta. Fejn mhux biss paxxew lin-nies tal-lokal imma ukoll lil kull min kellu l-opportunità li jsegwi dirett minn fuq is-siti *online*.










L-esperjenza ntemmet bejn il-25 u s-26 ta' Settembru 2018 fejn kull grupp reġa' lura lejn il-belt ta' Riyadh u minhemm lejn Malta. B'memorji li kull membru involut żgur li se jibqa' jgħożż kif ukoll jgħin fil-kontribut tiegħu lejn il-piroteknika Maltija. (Kitba ta' Christmark Chircop – Settembru 2018)

================================================================================

## Xi ħidmiet u attivitajiet li saru wara l-festa 2018

- Il-Banda San Filep għamlet dawn is-servizzi: fil-festi ta' San Bastjan f'Ħal Qormi, tal-Madonna tal-Karmnu u ta' Santa Katerina it-tnejn fiż-Żurrieq, ta' Santa Marija fil-Gudja, ta' San Bert fil-Għargħur u tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar.
- Ir-Radju tal-Komunita tal-Każin ixandar kuljum fuq 106.3 FM. Il-kummissjoni tal-IT tieħu ħsieb ix-xandir. Kull ġimgħa jkun hemm mistiedna differenti (ritratt nru 1).
- Is-Sezzjoni Nisa organizzat diversi coffee mornings, kull ħmistax, nhar ta' Ħamis filgħodu.
- It-tagħlim tal-mużika baqa' għaddej regolarment peress li jsir f'post bl-arja kundizzjonata.
- Is-Sezzjoni Żgħażagħ organizzaw BBQ fis-Soreda Hotel, ikla, '*Pizza Night*' u '*Boat Party*'li kien suċċess kbir.
- Il-Kummissjoni Nar tal-Festa għamlet żewġ BBQ's u fenkata (rit. 2).
- Il-Klabb Tfal ta' l-Istillakellu 'Day by the Pool' fid-Dean Hamlet Hotel.
- Beda x-xogħol fuq bażi ġdid tal-ħadid għall-planċier (rit. 3).
- Sar xogħol ta' manutensjoni fuq is-sistema tad-dawl fil-bar tal-każin (rit. 4).
- Delegazzjoni mill-Associazione San Filippo t'Agira żaret Ħaż-Żebbuġ u ġiet milqugħa wkoll fil-każin (rit. 5).
- Iż-żgħażagħ għamlu manutensjoni fuq tlett arbli tal-każin u ħejjew labarda għall-arblu prinċipali (rit. 6).












**Nifirħu lil Lawrence (Wenzu) Schembri li fis-26 t'Ottubru ngħata Ġieħ Ħaż-Żebbuġ mill-Kunsill Lokali**



Wenzu huwa l-'Licensee' tal-Kamra tan-Nar San Filep. Ilu jġorr din ir-responsabbilta kbira sa mill-1998. Bil-ħidma volontarja kbira tiegħu u ta' sħabu fil-festa ta' San Filep jkollna wirjiet kbar u sbieħ ta' nar tal-art u tal-ajru. Dawn il-wirjiet saru fost l-aqwa f'Malta.

*Lawrence Schembri has been the licensee of St Philip Firewoeks Factory since 1998. Under his leadership the team of volunteers in this factory have been enhancing the feast of St Philip with some of Malta's best ground and aerial fireworks shows.*

Mix-xellug: Vernalise Scicluna, kunsilliera, Wenzu, is-Sindku Sarah Agius Saliba u Dr Philip Sciortino, President tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851. *From left: Vernalise Scicluna, councillor, Wenzu, Mayor Sarah Agius Saliba and Dr Philip Sciortino, President of St, Philip Band Club AD1851.*

## Ħidmiet u attivitajiet sa tmiem is-sena 2018

- 'Coffee mornings' mis-Sezzjoni Nisa, fl-10am f'dawn id-dati: 11 u 20 t'Ottubru; 8 u 22 ta' Novembru; 6 u 20 ta' Diċembru. Jinkludu tombla, kafe u sandwiches. Dħul b'xejn.
- Pink October: il-faċċata tal-każin inxtegħlet b'dawl roża u ngħatat donazzjoni lill-Fondazzjoni Marigold.
- Ikla fis-Sala Mayfair organizzata mill-grupp tan-nar, is-Sibt 27 t'Ottubru;
- 'Pizza Night' miż-Żgħażagħ fil-każin, is-Sibt 3 ta' Novembru'. *Booking* fuq 99868727 / 99874539
- Quddiesa għall-erwieħ tal-membri tal-Għaqda nhar it-Tnejn 12 ta' Novembru, fis-6.30pm. (Kum. Ġen.)
- Laqgħa Ġenerali annwali tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851, nhar it-Tnejn 3 ta' Diċembru fis-7pm.
- Parteċipazzjoni fil-'Christmas Night' fil-pjazza permezz ta' ikla, tiżjin u 'Photo-booth', nhar is-Sibt 1 ta' Diċembru. (Sezz. Żgħażagħ)
- Party tal-Milied għat-tfal, fis-sala prinċipali tal-każin, fit-13 ta' Diċembru, fl-4pm. (Sezz. Żgħażagħ)
- Dinner Dance annwali, is-Sibt 15 ta' Diċembru, f'lukanda fit-tramuntana ta' Malta. (Sezz. Żgħażagħ)
- Il-kunċert annwali tal-Iskola tal-Mużika tal-Banda San Filep il-Ġimgħa 21 ta' Diċembru fis-7.00pm.
- Daqq ta' Għanjiet tal-Milied mill-Banda San Filep fil-pjazza, fl-10.00am, il-Ħadd 23 ta' Diċembru.
- Bandisti żgħażagħ tal-Banda San Filep jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Milied tal-Mużew f'Ħaż-Żebbuġ li ssir fl-24 ta' Diċembru, fil-5.30pm.

**Tagħlim tal-mużika isir: nhar ta' Erbgħa fis-4.30pm, il-Ġimgħa fl-4.30pm u s-Sibt fid-9.00am. It-tagħlim huwa bla ħlas u jiġi pprovdut ukoll l-istrument meta l-istudent jasal għalih. Dan jibqa' misluf bla ħlas għandu sakemm jibqa' fil-Banda San Filep.** *Music lessons, free of charge, are held on Wednesdays at 18.30, Fridays at 16.30 and Saturdays at 09.00. The instrument is also loaned free of charge as needed and can be kept for as long as the bandsperson forms part of St Philip Band.*

Għal aktar dettalji fuq l-attivitajiet ara n-notice boards, isma' r-radju tal-każin jew idħol fuq fb jew il-website tal-kazin. *For more details about the activities look at the noticeboards, listen to the radio or go to fb or the website of the club.*




UNCLE MATT'S Kitchen



## X'ġara fit-12 ta' Marzu 1944 f'Ħaż-Żebbuġ? *What happened in Zebbug on 12th March 1944?*






Xellug: Il-karozza tal-Gvernatur tinġibed bil-ħbula tul Triq il-Kbira. Lemin: Tiżjin ma dar prominenti fl-Istess triq.
*Left: The governor's car being pulled along Main Street, Zebbug. Right: Decorations on the facade of a prominent house along the same street.*

Seħħet ġrajja li kienet u għadha, unika. Ħamsa u sittin għaqda volontarja - fosthom il-baned kollha ta' Malta u Għawdex (minbarra waħda) - ingħaqdu flimkien biex jagħtu ġieħ lil-mexxej ta' Malta tul it-tieni assedju kbir tagħha, il-Gvernatur Lord John Gort. Dan permezz ta' għoti ta' xabla ta' ġieħ b'xhieda ta' ammirazzjoni u gratitudni.
*An event that was and still is, unique. Sixty-five voluntary organisations - including all the band clubs (except for one) jointly honoured the Governor of Malta who had led the country through its second great siege by giving him a sword of honour to show theiradmiration and gratitude.*

**Għaliex f'Ħaż-Żebbuġ?** ***Why in Zebbug?***

Għax kien il-Każin Banda San Filep permezz tal-president onorarju tiegħu il-Professur Philip Farrugia li ħareġ bl-idea u li ħadem biex titwettaq. Allura kien xieraq illi r-rappreżentanti ta' dawn l-istess għaqdiet jinġabru fil-Misraħ pinċipali ta' Ħaż-Żebbuġ quddiem il-Każin Banda San Filep għal ċerimonja li bħala la kienet saret qabel u lanqas ma saret sal-lum. Kien ukoll xieraq illi l-Banda San Filep żewqgħet din l-okkażjoni bi programm mużikali apposta. U kien il-President tal-Każin Banda San Filep, ir-Rev. Luret Callus li wassal ix-xabla akkumpanjat mis-segretarju Pawlu Zammit lill-Profs Farrugia (president tal-kumitat organizzattiv) biex dan ippreżentaha lill-Gvernatur. B'tifkira tal-okkażjoni, l-Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ Dun Pawl Galea kixef rħama mal-faċċata tal-każin. U fi tmiem iċ-ċerimonja, fil-Każin San Filep sar ir-riċeviment għall-mistednin distinti li kienu jinkludu d-dinjitarji Eklesjastiċi, Ċivili u Militari ta' Malta li ħafna minnhom iffirmaw il-ktieb tal-viżitaturi fil-każin. (Aktar fil-ħarġa li jmiss)
*Becouse it was St Philip Band Club through its onorary president Profs. Philip Farrugia that originated the idea and worked to implement it. So it was only proper that the repesentatives of these societies gathered in the main square of Zebbug in front of St Philip Band Club for the ceremonywhich has so far remained one of a kind. It was also natural that St Philip Band repesented the other band clubs in executing an especially prepared musical concert. It was the president and the secretary of St Philip Band Club who carried the sword up to the platform for Profs Farrugia (president of the organizing committee) to present it to Lord Gort.Zebbug archpriest Rev Paul galea unveiled a plaque that still adorns the facade of the St Philip Band Club. At the end of the ceremony the dignitaries present entered St Philip Band Club for a reception and signed the visitors' book.* *(more in next issue)*

**Is-Sibt 9 ta' Marzu 2019, għeluq il-ħamsa u sebgħin sena minn din l-okkażjoni unika, se ssir kommemorazzjoni f'Misraħ San Filep. Aktar dettalji fil-ħarġa li jmiss ta' dan il-fuljett kif ukoll fuq facebook u fil-website tal-każin.**
***The 75th anniversary of this unique event will be commemorated in St Philip Square, Zebbug on Suturday 9th March 2019. More details in the next issue and also on facebook / club website.***

